# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 270/2015

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Justin Agius**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Justin Agius, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 65890 M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-31 t' Ottubru, 2014, ghall-habta tat-7.40 am fl-inhawi tas-Siggiewi, fi Triq San Lawrenz tal-Gholja, s-Siggiewi, waqt stagun miftuh ghall-kacca minn fuq l-art:

1) Zamm jew garr arma tan-nar tal-marka Lander bin-numru tas-serje L. B. 311267 10 – 17, li kienet ikkargata, jew bl-iskratac fil-kompartiment tal-iskratac tal-arma jew barra l-ghata taghha, f' post fejn mhux permess l-isparar u dan bi ksur ta' Regolament 17 ta' l-L. S. 504. 71;

2) Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien qed igorr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk m' hiex, li ma tkunx fl-ghata taghha, jew spara xi arma tan-nar, waqt li hija tkun anqas minn 200 metru minn xi belt jew rahal, jew zona abitata ohra, jew xi wahda mix-xtajtiet elenkati fl-iskeda VII, jew f' medda ta' 50 metru minn toroq principali jew arterjali u dan bi ksur tar-Reg. 18 (2) (a) SL. 504. 71.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Mejju, 2015, li biha sabet lill-appellat hati u lliberatu bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett xhur ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (i) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn instabet htija fl-appellat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u (ii) tirriformaha f' dik il-parti li tirrigwarda l-piena u minflok tghaddi sabiex tinfliggi dik il-piena skond il-Ligi;

Semghet lill-Avukat Generali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat;

Rat l-atti kollha processwali;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-Avukat Generali adixxa lil din il-Qorti bl-appell odjern bil-gravami singolari illi l-ewwel Qorti erogat il-piena zbaljata fil-konfront tal-appellat minkejja li sabitu hati taz-zewg imputazzjonijiet migjuba

kontra tieghu. L-Avukat Generali jargumenta illi l-ewwel Qorti mhux biss ma setghetx tillibera lill-appellat b'kundizzjoni fit-termini tal-Kapitolu 446 izda ukoll naqset milli tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u tiskwalifika lill-appellat mil-licenzja tal-kacca tieghu;

2. Ezaminati l-atti jemergi illi l-fatti mertu tal-appell sehhew f'Ottubru 2014. L-appellat kien imputat li kiser id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti Dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, igifieri l-Avviz Legali 79 tal-2006. Dawn ir-regolamenti kienu soggetti ghal-diversi tibdiliet matul is-snin u fid-data tal-kommissjoni tar-reat, l-piena applikabbli fit-termini tar-regolament 27(2) kienet dik ta' mhux anqas minn hames mitt ewro u mhux aktar minn hamest elef ewro bil-konsegwenzjali konfiska, diskrezzjonali, tal-*corpus delicti* u skwalifika tassativa tal-licenzji tal-kacca tal-hati. Din il-piena hija kif emendata bir-regolament 16 tal-Avviz Legali 341 tal-2013 anke jekk dan erronjament jindika tibdil fir-regolament 23 tal-Avviz Legali 79/2006 minflok r-regolament 27. Fil-fatt minkejja r-referenza ghar-regolament 23, in-nota marginali taghmel referenza ghar-regolament 27 u t-tibdil relevanti japplika unikament u logikament ghall-istess regolament liema tibdil huwa korrettament rifless fit-test Ingliz;

3. B'hekk fid-data tal-kommissjoni tar-reat, r-regolament 27(2) u (3) tal-Avviz Legali 79/2006 kif emendat kienu jaqraw hekk:

> 27(2) Kull persuna li twettaq reat kontra r-regolamenti 4(b), 18(1)(a), 18(1)(c), 18(1)(e), 18(1) (f)(ii)(a), 19 u 24 **tista'** [enfasi tal-Qorti] tehel:
>
> (a) Meta tinsab hatja ghall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn hames mitt euro (€500) izda mhux izjed minn hamest elef euro (€5000) u l-konfiska tal-*corpus delicti*.
>
> Il-Qorti ghandha wkoll tordna s-sospenzjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht dawn ir-regolamenti u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghal-perjodu ta' mhux anqas minn sentejn izda mhux aktar minn hames snin;
>
> 27(3) Kull persuna li twettaq reat kontra xi regolament iehor mhux imsemi fis-subregolament (2) u l-proviso tieghu rispettivament **tista'** [enfasi tal-Qorti] tehel:

> (b) Meta tinsab hatja ghall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn hames mitt euro (€500) izda mhux izjed minn hamest elef euro (€5000) kif ukoll il-konfiska tal-corpus delicti.
>
> Izda wkoll l-Qorti ghandha wkoll tordna s-sospenzjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht dawn ir-regolamenti u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghal-perjodu ta' mhux anqas minn sentejn izda mhux aktar minn hames snin;

4. Issa, l-appellat kien imputat u misjub hati li kiser ir-regolamenti 17 u l-18(2)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjara 504.71, llum 549.42 ossia tal-Avviz Legali 79 tal-2006 kif emendat u mhux r-regolamenti 17 u 18(1)(a) kif erronjament indikat mill-Avukat Generali fl-appell tieghu. Dawn iz-zewg imputazzjonijiet kienu punibbli bil-mod kif ravvizat fis-subregolament 3 tar-regolament 27 tal-istess Avviz Legali appena riprodott u ghalhekk soggetti ghal-piena tal-multa ta' mhux anqas minn €500 izda mhux aktar minn €2500, il-konfiska (fakoltattiva) tal-*corpus delicti* u s-sospenzjoni (tassativa) tal-licenzji jew permessi tal-kacca;

5. Issa, l-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta, l-Att dwar il-*Probation*, fl-artikolu 22 tieghu jaghti l-fakolta' lill-Qorti li tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor matul perjodu li ma jeccedix it-tliet snin. L-istess artikolu, izda, jipprekludi lill-Qorti milli tapplika l-istess meta r-reat ikun wiehed punibbli biss b'multa jew ammenda. L-Avukat Generali ghalhekk ghandu ragun ghaliex l-appellat kien instab hati ta' reati punibbli biss bil-multa;

6. Kwantu ghalhekk ghal-piena li ghandha tkun erogata, l-Avukat Generali jaghmel referenza ghall-ammissjoni tal-appellat. Dan, izda, ma jirrizultax, almenu ma jirrizultax daqstant car mil-verbal tas-seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn hemm biss indikat is-segwenti: "*Meta ssejhet il-kawza deher l-Ispettur Jurgen Vella ghall-prosekuzzjoni. Deher l-imputat li ghazel li ma jkunx assistit minn avukat, u ta l-ispjega tieghu. Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza. Kawza deciza.*" Lanqas ma jidher li kien esebit il-*corpus delicti* u ghalhekk din il-Qorti ma tistax, issa, *gratia argomenti* li kellu jkun hekk, tikkonfiska l-istess.

7. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell tal-Avukat Generali ghar-riforma tas-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellat hati taz-zewg imputazzjonijiet, thassarha f'dik il-parti fejn illiberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien tlett (3) xhur skond l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446, u minflok tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' seba mija u hamsin (€750). Inoltre tordna s-sospensjoni tal-licenzja jew permess tieghu mahruga taht ir-regolamenti 79/2006 u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal-perjodu ta' sentejn mil-lum.